# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 17**

**Rikors numru 1223/15 SM**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**v.**

**B'digriet datat il-11 ta' Jannar, 2016, ġie maħtur Dr. Michael Spiteri bħala kuratur tal-fallut Joseph Gatt u Mariella Gatt**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat eżekutat Joseph Gatt minn sentenza mogħtija fis-16 ta' Marzu, 2016 (minn issa 'l hemm imsejħa s-"sentenza appellata") fil-kawża ta' eżekuzzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, li biha u għar-raġunijiet imfissra dik il-Qorti laqgħet it-talba tal-Bank kreditur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "HSBC") għall-finijiet tal-Artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex terġa' tagħmel eżekuttiva

sentenza li kienet ingħatat fid-9 ta' Ġunju, 2004, billi kienu għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn dakinhar li dik is-sentenza kienet ingħatat u minħabba li l-kreditu kanonizżat ma kienx tħallas;

2. Illi l-ewwel Qorti għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet biex waslet għad-deċiżjoni tagħha:

> "*7. Illi tirrileva li l-kuratur nominat baqa` fi stat ta' kontumacja stante li ghazel li ma jintavola l-ebda risposta guramentata skont il-ligi fir-rigward;*
>
> *"8. Rat il-verbal taghha datat l-1 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu awtorizzat lill-kuratur nomine biex, ai termini tal-artiklu 170(1) tal-Kap 12 fuq gia` riferit jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu sat-terminu hemm indikat, (ara foll 27);*
>
> *"Ikkunsidrat:*
>
> *"9.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li l-Bank rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tal-istess Bank rikorrenti*";

3. B'Rikors tal-Appell imressaq fl-4 ta' April, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-intimat eżekutat Joseph Gatt (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar is-sentenza appellata billi tiċħad it-talba ta' HSBC bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess Bank;

4. Bi Tweġiba mressqa minnha fil-25 ta' April, 2016, HSBC laqa' għall-appell tal-appellant billi, għar-raġunijiet hemm imsemmija, qal li filwaqt li ma jsibx oġġezzjoni li din il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju, din il-Qorti

jmissha tiċħad iż-żewġ aggravji l-oħrajn bl-ispejjeż tat-tieni istanza kontra l-appellant;

5. Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-20 ta' Ottubru, 2020, fejn qalu li ma kellhomx x'iżidu mal-atti miktuba;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2020, li bih ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

8. Illi dan l-appell jirrigwarda deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Qorti li bis-saħħa tagħha reġgħet irrendiet eżegwibbli sentenza li kienet ingħatat snin qabel minħabba li għadda ż-żmien maħsub fl-Artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dik is-sentenza kienet ingħatat kontra l-appellant u martu fid-9 ta' Ġunju, 2004[1], fuq kawża mnedija minn HSBC, u kienet sabet li l-imħarrkin miżżewġin Gatt kienu qegħdin jokkupaw il-post bin-numru sittax (16) fi Triq Ħal Qormi, Ħ'Attard, bla ebda titolu tajjeb (għaliex HSBC kien kisbu f'irkant ġudizzjarju fl-1996) u ordnatilhom joħorġu minnu fi żmien tliet (3) xhur minn dakinhar tas-sentenza u kif ukoll illikwidat id-

[1] Dok "HSBC1", f'paġġ. 3 – 7 tal-proċess

danni li ġarrab HSBC minħabba ż-żamma bla jedd tagħhom fis-somma ta' tmint elef Lira Maltija (Lm 8,000). Ftit xhur wara l-għoti ta' dik is-sentenza, l-appellant kien instab ħati ta' falliment doluż[2] u l-avukat Michael Spiteri kien inħatar bħala kuratur tal-falliment[3];

9. Illi l-appellant ressaq **tliet aggravji** mis-sentenza appellata. Fl-ewwel wieħed huwa jgħid li, ladarba l-proċeduri tal-falliment imnedija kontrih kienu għalqu fl-2015, din l-azzjoni ma messhiex saret kontra l-kuratur tal-falliment, imma kontrih personalment. Fit-tieni aggravju, l-appellant jgħid li huwa ma ngħatax il-fakulta` li jiddefendi lilu nnifsu biex seta' juri li huwa ma kienx għadu debitur ta' HSBC. Bit-tielet aggravju, li jintrabat ma' ta' qablu, l-appellant jgħid li kieku l-ewwel Qorti ngħatat l-opportunita` li tagħmel il-verifiki kollha meħtieġa, kienet issib li l-appellant ma kienx għadu debitur ta' HSBC u għalhekk ma kinitx issib it-talba għall-eżekuzzjoni mill-ġdid tal-ewwel sentenza bħala waħda mistħoqqa;

10. Illi dwar **l-ewwel aggravju**, l-appellant jgħid li sa ma ngħatat is-sentenza appellata huwa ma kienx notifikat u l-ħatra tal-Avukat Spiteri bħala kuratur tal-falliment ma kinitx f'postha, u li kienet biss l-avukat tiegħu li, b'kumbinazzjoni, saret taf bl-għoti tagħha meta kienet qegħda tara x'sentenzi kienu ngħataw mill-Qrati sewwasew f'dawk il-jiem. Huwa jisħaq li, qabel ma ngħatat is-sentenza appellata, l-imsemmi Avukat

---

[2] Ara Atti tar-Rik. 1599/01AE fl-ismijiet ***Gatt Joseph v. X*** dekretat fit-22.10.2004

[3] Liema ħatra ntemmet bis-saħħa ta' degriet mogħti fl-istess Atti fuq imsemmija fis-17.4.2015

Spiteri kien qajjem il-kwestjoni dwar jekk huwa kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni ta' HSBC u li kien tenna l-istess argument meta ressaq in-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu fit-2 ta' Marzu, 2016[4];

11. Illi għal dan l-aggravju HSBC jibda biex jgħid li kien tal-fehma li kellu jsejjaħ lill-Avukat Spiteri biex jidher f'isem l-appellant għaliex sa dak iż-żmien kien iqis li d-dikjarazzjoni tal-falliment li ngħatat fil-konfront tal-appellant kellha l-effett li kull proċedura mnedija kontrih kellha ssir kontra l-kuratur tal-falliment kif irid l-Artikolu 500 tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta. Minbarra dan, jgħid li, għalkemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'azzjoni oħra bħal din tallum kontra l-istess appellant eżekutat[5], kienet sabet li l-imsemmi kuratur tal-falliment ma kienx għadu l-kontradittur leġittimu fi pretensjonijiet ġudizzjarji kontra l-appellant, kien seħħ żvilupp minħabba bidla fil-liġi li kienet tawlet iż-żmien imsemmi fl-Artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid, għalhekk, li sa ma ngħatat is-sentenza appellata, il-mertu tat-talba tiegħu f'din il-kawża kien ġie eżawrit sewwasew bis-saħħa ta' dik il-bidla fil-liġi. HSBC jgħid għalhekk, li "ma jsibx oġġezzjoni għall-ewwel aggravju mqajjem mill-appellant u dan in vista tad-digriet tal-Onorabbli Qorti tas-7 ta' Marzu 2016 u li jirrelata limitatament għan-nomina tal-kuratur o meno kif hawn premess, b'riżerva għall-provediment xieraq inkwantu spejjeż marbuta ma' kawża li ġiet

---

[4] Ara paġ. 30 tal-proċess

[5] Ara P.A. MCH **7.3.2016** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***HSBC Bank p.l.c. vs Dr. Michael Spiteri noe et***

eżawrita fil-mertu fil-mori tal-istess kawża u dan stante tibdiliet fil-liġi li tagħhom l-appellat ma kellu l-ebda kontroll fuqhom";

12. Illi l-Qorti tibda biex tirrileva li, fil-bidunett, HSBC fetħet din il-proċedura kemm kontra l-appellant personalment u kif ukoll kontra martu. Dan kien jirrifletti s-sentenza li tagħha HSBC talab ukoll l-eżegwibilita` mill-ġdid, li wkoll kienet ingħatat kontra l-miżżewġin Gatt. Jirriżulta wkoll li, filwaqt li l-intimata eżekutata Mariella Gatt laqgħet in-notifika tal-atti (għalkemm ma ressqet l-ebda tweġiba), l-appellant ma kien notifikat qatt[6], u hekk baqgħet il-qagħda sa dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata. Ħamest ijiem wara li fetaħ din il-kawża – u qabel ma l-ewwel Qorti tatha data għall-ewwel smigħ – HSBC talab il-bidla fl-"okkju" tal-kawża biex, minflok l-appellant personalment, jissemma l-kuratur tal-falliment. L-ewwel Qorti laqgħet dik it-talba dakinhar li qiegħdet ir-rikors għas-smigħ, jiġifieri fil-11 ta' Jannar, 2016[7]. L-avukat Spiteri laqa' in-notifika tal-atti fit-22 ta' Jannar, 2016, u minnufih ressaq Nota li biha fisser li huwa ma kienx il-kontradittur leġittimu u li ma kellu l-ebda relazzjoni ġuridika ma' HSBC f'din il-kawża. Fil-15 ta' Frar, 2016[8], daħlu fis-seħħ il-bidliet li saru fl-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Att IV ta' dik is-sena. Is-sentenza appellata ngħatat kemm kontra l-imsemmi Avukat Spiteri bħala kuratur tal-falliment u kif ukoll kontra l-intimata eżekutata Mariella Gatt. Ħadd minnhom ma appella mis-sentenza appellata;

[6] Ara r-riferta f'paġ. 10 tal-proċess
[7] Ara paġġ. 8 u 15 tal-proċess
[8] A.L. 42/2016 (fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tad-29.1.2016)

13. Illi l-Qorti jidhrilha li l-aggravju huwa tajjeb, u jidher li HSBC jagħraf b'xi mod dan il-fatt ukoll. HSBC jżid jgħid li, minħabba l-bidliet li ddaħħlu fil-Kodiċi bl-Att IV tal-2016, saħansitra l-mertu tal-azzjoni tiegħu kien eżawrit sa qabel ma ngħatat is-sentenza appellata, u kien għadda biex mexxa att biex jeżegwixxi s-sentenza li kienet ingħatat fl-2004 qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Il-Qorti tqis li kieku HSBC irregola ruħu kif jixraq u b'mod tempestiv qabel ma ngħatat is-sentenza appellata kien ikun evitat dan kollu li hawn quddiem din il-Qorti llum, b'mod partikolari meta wieħed iqis l-għamla ta' din il-proċedura u l-għanijiet li hi maħsuba li tilħaq;

14. Illi jekk huwa minnu li l-Avukat Spiteri bħala kuratur tal-falliment ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, dan ifisser li hu ma kellux jibqa' jitqies bħala parti fil-kawża, u n-notifika li saret lilu bl-ebda mod ma tagħmel tajjeb għan-notifika li messha saret lill-appellant u li baqgħet ma saritx. Min m'għandux postu f'kawża ma jistax jingħad li jirrappreżenta b'xi mod lil min hu parti xierqa fl-istess kawża. Il-provvediment li kienet tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili disat (9) ijiem qabel ma ngħatat is-sentenza appellata u fi proċeduri bħal dawn bejn l-istess partijiet kellha tkun biżżejjed biex turi lil HSBC kif kellu jirregola ruħu wkoll f'din il-kawża. L-aggravju tal-appellant m'huwiex biss kwestjoni ta' bdil f'dan l-istadju tal-"okkju", kif donnu jimplika HSBC: jitlob it-tħassir ta' kulma sar li ma kienx jiswa fl-istadju tal-ewwel istanza, minħabba li joħroġ li l-istess sentenza

appellata ngħatat kontra parti li, sa dakinhar, ma kinitx għadha laqgħet in-notifika tal-atti. Din hija sewwasew waħda mir-raġunijiet magħrufa mil-liġi[9] fejn jingħata r-rimedju tat-tħassir tas-sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-każ;

15. Illi għalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-għażla waħdanija li għandha hija li tħassar is-sentenza appellata, bla ħsara lil kull parti li tirregola ruħha kif jidhrilha l-aħjar u bit-teħid tal-proċedura xierqa dwar xi pendenzi ta' kreditu li jista' jkun għadu dovut minn parti lejn l-oħra. Fid-dawl tal-fatt li HSBC qal li xorta waħda kien nieda l-proċess tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija favurih fl-2004 u tal-fatt li l-kontestazzjoni tal-appellant dwar jekk huwiex tassew debitur tal-istess Bank ma tistax tkun mistħarrġa fuq is-saħħa tal-atti li din il-Qorti għandha quddiemha, mhux il-każ lanqas li terġa' tibgħat lura l-atti tal-kawża lill-ewwel Qorti;

16. Illi wkoll fuq is-saħħa ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, m'huwiex il-każ li l-Qorti tgħaddi biex tqis **it-tieni u t-tielet aggravji** tal-appellant għaliex jekk tagħmel hekk, tkun qegħda twarrab minn quddiemha l-fatt li, sallum, l-appellant ma kienx għadu effettivament notifikat bl-atti tar-rikors promotur;

17. Illi, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li ħarġu mill-atti ta' din il-kawża, il-Qorti jidhrilha li l-appellant ma jaħti bl-ebda mod għal kif ġraw l-affarijiet fit-

[9] Art. 811(b) tal-Kap 12

tmexxija tal-każ, u din il-Qorti diġa` wriet li kien hemm lok li HSBC jilħaq jirregola ruħu mod ieħor biex jevita li tingħata s-sentenza appellata qabel ma jsir dak li kellu jsir. Huwa minħabba f'hekk li sejra tirrifletti din il-ħaġa wkoll fil-kap tal-ispejjeż;

**Decide:**

18. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tilqa' l-ewwel aggravju** u għalhekk tħassar is-sentenza mogħtija fis-16 ta' Marzu, 2016, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan bl-**ispejjeż taż-żewġ istanzi** kontra l-Bank eżekutant appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr